FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

A.MICALLEF TRIGONA LL.D.,MAG.JUR (EU LAW)

ILLUM 24 TA' AWWISSU 2016

Il-Pulizija

(Spettur Jurgen Vella)

vs

Wayne Camilleri

Il-Qorti,

Rat li fis-6 ta' Gunju, 2013 l-imputat ta' karta tal-identita' numru 314092M kien gie akkuzat ta' serq semplici, senjatament li:

1. Fis-16 ta' Mejju, 2013 ghall-habta ta' 12.00 hrs minn gewwa hanut bl-isem ta' Call Zone li jinsab gewwa Triq Haz-Zabbar, Rahal Gdid, ikkommetta serq ta' mobile phone tal-ghamla Samsung Galaxy S4 liema serq huwa aggravat bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu €232.94 u li sar ghad-detriment ta' Stephanie Camilleri u/jew persuni ohra;

B'sentenza deciza fis-6 ta' Novembru, 2013 l-imputat gie liberat b'applikazzoni tal-artikolu 7 tal-Kap 446 ghal perjodu ta' tliet snin mid-data tas-sentenza (fol 13 et seq).

B'rikors tal-21 ta' Awwissu 2015 (fol 20) l-Ufficjal tal-Probation gibdet l-attenzjoni tal-Qorti dwar certi misfatti tal-imputat.

Semghet l-Ufficjal tal-Probation tiddikjara li l-komportament tal-imputat baqa' l-istess sal-gurnata tal-llum.

Rat l-artikolu 23 tal-Kap 446 u l-artikolu 261(1), 267, 278(a), tikkundannah ghal hames (5) xhur prigunerija.

A.M.Trigona

Magistrat